Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 161/2016

**Wara l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1212/2016 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Ltd** **(appellata)**

**Vs**

**Joseph Baldacchino u Mary Dolores Baldacchino f'isimhom proprju u in rapprezentanza tas-socjeta kummercjali Charnwoods Limited bin-numru tar-registrazzjoni C3945** **(appellanti)**

16 ta' Dicembru, 2016.

1. Fis-26 ta' Mejju, 2016 l-appellata pprezentat ittra ufficjali *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, li biha nterpellat lill-appellanti jhallsu s-somma ta' €10,615.29 li qalet li huma dovuti ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, *connection* u *disconnection fees* u mghax. L-appellanti ma kkontestawx il-pretensjoni bil-mod kontemplat fl-istess disposizzjoni. Sussegwentement l-appellata talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv. Fl-14 ta' Lulju 2016 l-appellata pprezentat rikors a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 fejn talbet ir-revoka tal-mandat ezekuttiv minhabba li fis-16 ta' Gunju 2016 ikkontestat il-pretensjoni tal-appellata fi proceduri ta' arbitragg.

2. B'digriet moghti fil-11 ta' Awissu 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-ewwel qorti cahdet it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' ezekuttiv. Il-qorti qalet:

*"Il-Legislatur, f'din id-disposizzjoni tal-Ligi ghamilha cara li qieghed jeskludi kull talba li ssir permezz tal-procedura kif elenkata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan permezz tal-kliem 'bla hsara' li fil-verzjoni Ingliza hija indikata bhala 'without prejudice'. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li ladarba ntbaghatet ittra mis-socjeta intimata lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-procedura li kellha tigi segwita sabiex jigi kontestat il-kontenut ta' dik l-ittra, kellha tkun dik kif imfassla fl-istess Artikolu u mhux permezz ta' xi att iehor".*

3. L-appellanti appellaw mid-digriet u jsostnu li skont paragrafu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387), kellhom bilfors jipproponu proceduri ta' arbitragg. L-appellanti jsostnu li l-ligi hi cara, u l-Kap. 387 inehhi t-tilwimiet mal-Arms Ltd mill-kompetenza tal-qrati ordinarji. L-appellanti komplew ighidu:

*"Il-legislatur hass li ma kellux inehhi mill-Arms il-beneficcju li ghandhom dipartiment tal-Gvern li, biex jigbru kreditu, minflok kawza jipprezentaw ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 466 tal-*

*Kap. 12. L-iskop ta' dan huwa ovvju. Kieku l-legislatur nehha l-applikabbilita' ta' dan l-artikolu dan kien ikun zieda kbira ta' kawzi godda ta' l-Arms. M'hemm xejn fil-ligi pero' li tghidlek li l-kontestazzjoni ta' tali ittra ufficjali ghanda ssir il-Qorti u mhux permezz ta' arbitragg".*

4. L-appellata wiegbet ghall-appell.

**Konsiderazzjoni.**

5. Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti, tosserva:

i. L-artikolu 466 tal-Kap. 12 hi procedura specjali li tapplika fir-rigward ta' hlas ta' certi krediti.

ii. Paragrafu 1.3 tar-raba' skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387) jipprovdi li fost it-tilwimiet li ghandhom jigu determinati f'arbitragg, hemm it-tilwimiet li ghandhom x'jaqsmu mal-provvista tal-elettriku, kera tal-meter tad-dawl u tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, pero dan ***".... bla hsara, fejn dan japplika, ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili......"*** Ghalhekk f'dawn il-kazijiet il-legislatur introduca l-arbitragg mandatorju. Fil-kaz in ezami m'hemmx kontestazzjoni dwar jekk tapplikax jew le l-procedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kap. 12.

iii. Minkejja li l-Kap. 387 jipprovdi ghall-arbitragg mandatorju, hu evidenti li l-hsieb tal-legislatur kien li tibqa' tapplika l-procedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kap. 12. It-tezi tal-appellanti hi li m'hemm xejn fil-ligi li tipprojbixxi li l-kontestazzjoni ssir fi proceduri ta' arbitragg. Il-qorti ma taqbilx ma' din it-tezi. Il-procedura kontemplata fl-artikolu 466 sabiex tigi kontestata d-dikjarazzjoni mehmuza mal-ittra ufficjali, hi procedura specjali u bhala tali trid tigi segwita *ad litteram*. Dik id-disposizzjoni tipprovdi ghal mod kif persuna tikkontesta l-pretensjoni tal-mittent li jkun ghamel skont l-artikolu 466. Kontestazzjoni li trid issir quddiem il-qorti permezz ta' rikors li ghandu jigi pprezentat fi zmien ghoxrin jum, u li fih jitlob lill-qorti sabiex tiddikjara t-talba bhala nfondata (artikolu 466(2) tal-Kap. 12). Minn paragrafu 1.3 tar-Raba' Skeda jidher car li f'kazijiet fejn japplika l-artikolu 466 tal-Kap. 12, il-procedura ta' arbitragg mandatorju **ma tapplikax**.

iv. Hu minnu li bl-Att XXX tal-2015 it-tieni proviso ta' paragrafu 1.3 sar jaqra:

> *"Izda wkoll minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, izda minbarra l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jew kull regolament maghmul tahtu fejn dawn il-ligijiet jikkoncernaw is-soluzzjoni, deskritta kif deskritta, ta' kull tilwim tal-konsumatur, u bla hsara ghal kazijiet li hemm pendenti, it-Tribunal tal-Arbitragg ghandu jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva fuq dawn il-kazijiet".*

Proviso li l-ewwel qorti ma kkunsidratx. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti ghamlu riferenza ghalih u ghall-ewwel proviso[1]. Fir-rigward tal-ewwel proviso ma japplikax ghall-kaz in ezami ghaliex it-tilwima hi mal-Automated Revenue Management Services Ltd, li m'hijiex *"... l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma"*.

Fir-rigward tat-tieni proviso, johloq incertezza in kwantu mad-daqqa t'ghajn jidher li mhuwiex kompatibbli ma' dak li jinghad fl-ewwel paragrafu ta' *"1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku tal-ilma"*. Pero' m'hemmx definizzjoni tal-kliem *"tilwim tal-konsumatur"*. Qabel l-introduzzjoni ta' dan il-proviso, it-tieni proviso f'paragrafu 1.3 kien jaqra:

*"Izda wkoll, minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra u minghajr pregudizzju ghal kull kawza pendenti, it-Tribunal tal-Arbitragg ikollu gurisdizzjoni esklussiva li jitratta dawn il-kazijiet"* (Avviz Legali 165 tal-2006).

Il-qorti hi tal-fehma li dak it-tieni proviso kellu jinqara b'mod kumplimentari ma' dak li jinghad fl-ewwel paragrafu. Alternattivament ma kienx jaghmel sens li fl-istess disposizzjoni ikun hemm zewg paragrafi li jinghataw interpretazzjoni li jaghmluhom mhux kompatibbli ma' xulxin. L-istess ragunament japplika ghat-tieni proviso li dahal fis-sehh bl-Att IX tal-2010. Jekk b'dak il-proviso l-hsieb kien li wkoll kwistjoni taht l-artikolu 466 tal-Kap. 12 jigu riferuti lit-Tribunal tal-Arbitragg, il-qorti tifhem li kien jigi emendat l-ewwel paragrafu.

v. Ghaldaqstant, il-procedura tal-arbitragg mandatorju m'ghandha x'taqsam xejn fejn japplika l-artikolu 466 tal-Kap. 12.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

[1] *"Izda l-konsumaturi jkollhom jedd jipprezentaw it-talbiet taghhom kontra l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, kif ikun il-kaz, skont il-procedura stabbilita b'dan l-Att"*.